MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2000

Citazzjoni Numru. 1516/2000/1

**FORCE FORKLIFTERS COMPANY LIMITED**

**vs**

**SILKA LIMITED.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' elf, mija u ghaxar liri maltin (LM1,110.00) import ta' sitt (6) kambjali regolarment skaduti u dovuti, li kopji taghhom huma hawn annessi u esebiti u mmarkati bhala Dok A sa Dok F, liema kambjali baqghu ma thallsux;

Illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, inkluz permezz ta' Ittri Ufficjali datati 16 ta' Mejju 2000 u 6 ta' Lulju 2000, baqghet inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni x'taghti kontra l-hlas ta' l-imsemmi ammont;

Ghalhekk is-socjeta' attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u ghaxar liri maltin (LM1,110), import ta' kambjali regolarment skaduti u dovuti, kif fuq premess, u dan bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l- Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' zewg (2) ittri ufficjali tas-16 ta' Mejju 2000 u tas-6 ta' Lulju 2000, tal-Mandat Kawtelatorju Numru 2429/00, u bl-interessi legali mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali rispettivi sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta, li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat u semghet il-qari ta' Nota (a fol 12 tal-Process) tas-socjeta' attrici li biha cediet it-talbiet taghha fil-mertu, izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez u ta' l-interessi;

Billi mill-atti tal-kawza, u l-provi dokumentali mressqa, jidher li s-socjeta' konvenuta hallset s-somma minnha dovuta wara li nbdiet din il-kawza, it-talba tas-socjeta' attrici li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas l-ispejjez u l-interessi hija misthoqqa;

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:**

**Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta** ghall-hlas tal-ispejjez tal-kawza u l-imghaxijiet b'dan li l-imghaxijiet ghandhom jghaddu mid-data tal-iskadenzi tar-rispettivi kambjali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------